**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-16 ta' Novembru, 2018**

**Talba Numru: 400/2018 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 38.**

**GO p.l.c. (C22334)**

**GO, Triq Fra Diegu,**

**Marsa MRS 1501**

**Vs**

**Jesmond Goodlip (21166M)**

**Flat 8, Bieb B,**

**Triq San Guzepp,**

**Il-Belt Valletta**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici fit-23 ta' Awwissu, 2018 li permezz tieghu talbet li l-konvenut jigi ordnat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tlett mija u sittax-il ewro u sitta u tletin centezmu (€1,316.36c) dovuta in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40098667.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bl-Avviz tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Sema' lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici tikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma elf tlett mija u sittax-il ewro u sitta u tletin centezmu (€1,316.36c) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjeż inkluzi huma a kariku tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**